

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) [Kumpilazzjoni Tax-xhieda \(riformulazzjoni\)](#) > [Estonia](#)

# Kumpilazzjoni tax-xhieda (riformulazzjoni)

Estonja



Estonja

## SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

## L-Artikolu 2(1) - Awtoritajiet li jistgħu jitqiesu bħala qrati

Għall-finijiet tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2020/1783 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni tax-xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali (kumpilazzjoni tax-xhieda) (riformulazzjoni), nutar tal-Estonja jitqies li hu "qorti" f'dak li għandu x'jaqsam ma' materji relatati mas-suċċessjoni.

## L-Artikolu 3(2) - Qrati rikjesti

Qrati tal-kontej.

## L-Artikolu 4 - Korp ċentrali

Il-funzjonijiet tal-korp ċentrali msemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (EU) 2020/1783 jitwettqu mill-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Diġitali (*Justiits- ja Digiministerium*).

Id-dettalji ta' kuntatt:

Suur-Ameerika 1

10122 Tallinn, Estonia

Tel.: (+372) 620 8183

Faks: (+372) 620 8109

Posta elettronika: [central.authority@justdigi.ee](mailto:central.authority@justdigi.ee)

<https://www.just.ee>

## L-Artikolu 6 - Lingwi aċċettati biex jimtlew il-formoli

Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament, l-Estonja taċċetta formoli standard kemm bl-Estonjan kif ukoll bl-Ingliż.

## L-Artikolu 7 - Mezzi aċċettati għat-trażmissjoni ta' talbiet u komunikazzjonijiet oħra

L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi bil-posta, bil-faks jew bil-posta elettronika.

## L-Artikolu 19 - Korp ċentrali jew awtorità/awtoritajiet kompetenti responsabbli għal deċiżjonijiet dwar talbiet għal kumpilazzjoni ta' xhieda diretta

Il-funzjonijiet tal-korp ċentrali msemmi fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament, jitwettqu mill-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Diġitali. Il-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Diġitali huwa nominat bħala l-awtorità kompetenti biex tiddeċiedi dwar taċċettax jew tiċħadx talba magħmula skont l-Artikolu 19 tar-Regolament.

Id-dettalji ta' kuntatt:

Suur-Ameerika 1

10122 Tallinn, Estonia

Tel.: (+372) 620 8183

Faks: (+372) 620 8109

Posta elettronika: [central.authority@justdigi.ee](mailto:central.authority@justdigi.ee)

<https://www.justdigi.ee>

## L-Artikolu 29 - Ftehimiet jew arranġamenti li għalihom l-Istati Membri huma partijiet u li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet fl-Artikolu 29(2)

- Il-Ftehim bejn l-Estonja u l-Polonja dwar l-Għoti ta' Assistenza Legali u r-Relazzjonijiet Legali f'Materji Ċivili, Industrijali u Kriminali
- Il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Estonja u r-Repubblika tal-Litwanja dwar l-Assistenza Legali u r-Relazzjonijiet Legali.

## L-Artikolu 31(4) - Notifika dwar l-użu bikri tas-sistema tal-IT deċentralizzata

-

■ L-aħħar aġġornament: 14/11/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.